Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 156/2021: FL-ATTI TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU EŻEKUTTIV NRU. 1165/21 FL-ISMIJIET: **L-ARKITETT U INĠINIER ĊIVILI JOSEPH GRECH (ID. 165869M)** V. **DECAS LIMITED (C66054) U FORCAS AND SONS LIMITED (C66055)**

(REVOKA TA' MANDATI EŻEKUTTIVI – ART. 281, KAP. 12 – AZZJONI LI TATTAKKA S-SIWI TA' MANDAT EŻEKUTTIV B'DISTINZJONI MINN AZZJONI INTIŻA SABIEX TATTAKKA L-EŻEKUZZJONI TA' MANDAT EŻEKUTTIV)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Decas Limited u Forcas and Sons Limited (msejjħa "il-kumpaniji rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-4 ta' Ġunju 2021[1],

wara li rat ir-risposta tal-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Grech (imsejjaħ "l- intimat") ippreżentata fit-18 ta' Ġunju 2021[2],

wara li rat kopja tal-

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Reuben Farrugia,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Mark Simiana

qed tagħti dan id-

[1] Fol 1
[2] Fol 26

## Digriet

1. F'din il-kawża r-rikorrenti qed jitolbu li "*dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna Ii jitħassar u jiġi revokat in toto l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 1165/21 fl-ismijiet L-Arkitett u Inginier Ċivili Joseph Grech (detentur tal-karta tal-identita numru 165869M) Vs Decas Limited (C66054) u Forcas and Sons Limited (C66055), bl-ispejjes kontra s-sekwestrant u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti, inkluż għad-danni sofferti*".

2. Il-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni nħareġ minn din il-Qorti, kif presjeduta, permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Ġunju 2021. Dan il-mandat inħareġ mill-intimat kontra l-kumpaniji rikorrenti sabiex jeżegwixxi titolu eżekuttiv konsistenti f'taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li telenka d-drittijiet ġudizzjarji li r-rikorrenti għandhom provviżorjament iħallsu lil tlett periti perizjuri maħtura mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża pendenti fl-ismijiet **"D Peak Limited v. Anthony Mifsud et."** (Rik. Ġur. Nru. 234/17 JVC), f'liema kawża r-rikorrenti kienu kjamati fiha.[3] Wieħed minn dawn it-tlett periti perizjuri huwa appuntu l-Perit intimat. It-taxxa in kwistjoni ġiet reża eżegwibbli permezz ta' ittra uffiċjali notifikata lir-rikorrenti taħt l-Art. 256(2) tal-Kap. 12.

3. Permezz tar-rikors tagħhom ir-rikorrenti qed jisħqu illi l-mandat ma' jiswiex għaliex it-taxxa ġudizzjarja li abbażi tagħha ġie intavolat ma' ġietx innotifikata lilhom ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi ma' setgħatx tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. L-Art. 64 tal-Kap. 12 jaqra kif ġej:

   *'64. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

   *(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta ...'*

---

[3] Fol 31 wara

4. Ir-rikorrenti jagħmlu ukoll riferenza għall-Art. 253(ċ) tal-Kap. 12 li jelenka t-titoli eżekuttivi taħt il-liġi fosthom:

   *'253(ċ). taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur tar-Reġistratur, ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi;'*

   Kwindi, l-argument tagħhom huwa li darba t-taxxa ġudizzjarja in kwistjoni għad tista' tiġi attakkata skond il-liġi peress li t-terminu għar-risposta taħt l-Art. 64 għadu ma' għaddiex (addirittura ma' kienx għadu beda jiddekorri fid-data tal-preżentata tar-rikors), din ma' tista' qatt tieħu l-forma ta' titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu kreditur ikun jista' jippreżenta xi wieħed mill-atti eżekuttivi taħt il-liġi fosthom il-mandat *de quo*.

5. L-intimat fir-risposta tiegħu jisħaq li r-rikors għandu jiġi riġettat bl-ispejjeż għaliex l-azzjoni sabiex tiġi impunjata taxxa ġudizzjarja li tirrigwarda d-dritt ġudizzjarju ta' perit maħtur mill-Qorti m'hijiex dik taħt l-Art. 64 iżda hija l-azzjoni regolata bl-Art. 667 tal-Kap. 12 li tapplika biss għat-taxxi tal-periti ġudizzjarji. L-Artikolu 667 tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

   *'667. (1) Mit-taxxa magħmula bħal ma jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, kull wieħed mill-periti u kull waħda mill-partijiet fil-kawża, jistgħu jappellaw lill-qorti li minnha l-periti ġew maħtura, ikun kemm ikun id-dritt li ġie intaxxat jew mitlub, fi żmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672 jew, fil-każ li l-periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f'dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża jkunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir-reġistratur.*

   *(2) Qabel id-deċiżjoni tal-kawża li fiha tkun ġiet ordnata l-perizja, dan l-appell jista' jsir b'nota.*

   *(3) Wara d-deċiżjoni tal-kawża, l-appell isir b'rikors u għandu jinstama' mill-qorti b'mod sommarju.*

   *(4) Jekk ikun jidher prima facie li l-appell huwa floku, il-qorti, wara li tisma' l-partijiet, tordna lir-reġistratur sabiex jintaxxa mill-ġdid id-dritt tal-periti.'*

6. L-intimat jgħid ukoll illi r-rikorrenti jafu sewwa li din hija l-proċedura l-korretta sabiex jimpunjaw it-taxxa in kwistjoni tant li huma diġà pruvaw jagħmlu dan abbażi

tal-Art. 667 iżda kellhom ir-rikors tagħhom miċħud mill-istess Qorti li qed tisma' dik il-kawża u dan permezz ta' digriet maħruġ fid-9 ta' Diċembru 2020[4].

7. In sostenn tal-argument tiegħu l-intimat jikkwota ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħtija fl-ismijiet: **"Ta' Kella Limited, illum Holiday Resorts Limited v. L-Arkitett u l-Inġinier Ċivili Godwin P. Abela et."**(Rik. Nru 558/08/02, 27/05/2016).

8. Il-Qorti taqbel pjenament ma' dak sottomess mill-intimat għaliex huwa ċar li taxxi tad-drittijiet ġudizzjarji jistgħu jiġu attakkati biss taħt l-artikolu speċifiku li jirregola tali taxxi (Art. 667) u mhux taħt l-artikolu li jirregola l-impunjar ta' taxxi ġudizzjarji b'mod ġenerali (Art. 64) mhux l-anqas għaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena preċitata: *"li kieku tħalli li parti tattakka tassazzjoni ta' perit tekniku skont l-Artikolu 64 tkun qed tistultifika l-provvediment li jipproteġi lill-istess perit (biex taċċerta li jithallas) billi ma tobbligaħx jiżvela l-kontenut tar-rapport qabel ma jithallas. (Artikolu 666 (2) tal-Kap. 12)."*

9. Madanakollu l-Qorti bir-rispett lejn l-argumenti mressqa mill-abbli avukati rispettivi tara li din il-kwistjoni hija **rrilevanti** għall-fini ta' deċiżjoni tal-Qorti għal rikors ta' dan ix-xorta. Dan qed jingħad għaliex kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna[5], t-talba ta' persuna li jinħareġ kontra tagħha mandat eżekuttiv sabiex ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta titlob li l-istess mandat jiġi mħassar għal kollox jew parti minnu għandha tkun marbuta "*ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-intimat eżekutat ibati pregudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jigi attakkat jew imhassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta malmertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A [281] jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jingħata bla hsara għal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra.*

---

[4] Fol 36
[5] Fosthom sensiela ta' sentenzi mogħtija mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef inkluż **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs. Doris Conchin** (Rik Nru 633/2011JRM) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju 2011, **Edward Pace vs Michael Sultana et.** (Rik. Nru. 287/05 JRM deċiż fil-5 ta' Mejju 2005), **Emanuel Vella v. Lloyd's Malta Limited et.** (Rik Nru 985/03/JRM deċiż fit-30 ta' Ottubru 2003) u l-ewwel waħda li fiha tissemma l-kelma "għelt" is-sentenza fl-ismijiet **Colette Sciberras v. Saviour Sciberras** (Rik. 2884/00 JRM, deċiża fit-13 t'Ottubru 2000)

*Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju.*

*Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;*

*Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat ..."*

10. Issa f'din il-kawża huwa ċar illi r-rikorrenti eżekutanti qegħdin iressqu t-talba tagħhom mhux daqstant għat-tħassir tiegħu għaliex il-mandat inħareġ minn xi Qorti ħażina jew għaliex hemm xi difett fil-forma tiegħu iżda għat-tħassir tal-eżekuzzjoni tiegħu għaliex skond huma t-titolu eżekuttiv in kwistjoni huwa wieħed difettuż jew ineżistenti.

11. Fis-sentenza **<u>Baystreet Holdings Limited v. Walter Zammit Cachia et.</u>** (Rik. Nru 235/2009 JRM deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 t'April 2009) il-Qorti qalet

    *"Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal-Procedura."*

    Naturalment min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati għandu jagħmel dan bi proċedura *ad-hoc* tal-preżentata ta' rikors quddiem l-istess Qorti.

12. Dan l-insenjament ġie imħaddan u ripetut diversi drabi mill-Qrati tagħna. Pereżempju fil-kawża fl-ismijiet **Dr Georg Sapiano v. Jette Scott et** (Rik. 308/16, deċiż fil-25 ta' Novembru 2016) ir-rikorrenti kienu talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka mandat ta' qbid eżekuttiv li kien inħareġ fil-konfront tagħhom stante illi dan kien maħruġ in eżekuzzjoni ta' kambjala li kienet għada ma' saritx titolu eżekuttiv peress illi l-proċeduri għas-sospensjoni tagħha taħt l-Art. 253(e) tal-Kap. 12 kienu għadhom pendenti. Il-Qorti tal-Appell Superjuri kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti li kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat li l-fatt li kien qed jiġi allegat u ċioe li l-kambjala kien għadha mhijiex titolu eżekuttiv, ma' kienx sempliċiment punt ta' natura proċedurali iżda kien imiss is-sustanza tat-talba taghhom. Ġaladarba l-mandat kien inħareġ mill-Qorti kompetenti u ma' kien hemm ebda żball fil-mod kif ġie ordnat, allura t-talba tar-rikorrenti kienet destinata li tfalli:

*"Minn dawn is-sentenzi johrog car li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 281 imsemmi u waslet ghall-konkluzjoni gusta li l-mandat in kwistjoni la ghandu difetti fil-forma tieghu u li l-hrug tieghu sar korrettement. Anke l-fatt ii l-kambjala iffirmata mill-appellanti qed tigi attakkata separatament bi proceduri ohra ma jfissirx li t-talba maghmula taht l-Artikolu 281 ghandha tigi milqugha ghax dan ma jaffettwa xejn il-hrug 'per se' tal-mandat."*

13. Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Ivan Gatt noe. v. Antoine Bartolo** (Rik. Nru. 42/2019 RGM, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019) il-kwistjoni kienet waħda simili iżda kienet tinvolvi *promissory note* li r-rikors għas-sospensjoni tagħha taħt l-Art. 253(e) kien diġà ġie deċiż u d-digriet kien pendenti l-eżitu tal-appell. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet is-segwenti:

*"Skond l-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 Promissory Note hija titolu eżekuttiv. Dan is-sub inċiż jipprovdi kjarament illi sakemm l-eżekuzzjoni ta' tali promissory note ma tiġiex sospiża wara proċeduri appożiti, hija tibqa' titolu eżekuttiv u allura enforzabbli bis-saħħa kollha lilha mogħtija mil-liġi qua titolu eżekuttiv. Imbagħad skond l-Artikolu 256 (2) tal-Kap. 12 Promissory Note tista' tiġi ezegwita bil-mandati eżekutivi "...jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju." Fil-kawża odjerna il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv inħareġ ferm wara jumejn li l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Novembru 2018 ġiet notifikata lil Antoine Bartolo. Tenut kont li sallum l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-promissory note de quo ma hiex sospiża, it-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 2070/18 ma hiex legalment fondata."*

14. Issa fir-rigward tal-proċeduri *de quo* kif diġà ngħad iżjed 'l fuq, ai termini tal-Art. 253(ċ) tal-Kap. 12, taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji maħruġa favur perit maħtur mill-Qorti hija titolu eżekuttiv meta din ma' tkunx ġiet attakkata skond il-liġi. It-taxxa in kwistjoni filfatt ġiet attakkata kif imiss mir-rikorrenti nfushom ai termini tal-Art. 667, liema talba però ma' ntlaqgħetx. Id-digriet innifsu m'huwiex appellabbli u għalhekk anqas ma' jista' jingħad illi t-taxxa tista' tiġi attakkata iżjed. L-intimat għalhekk ipproċeda bl-ittra uffiċjali rikjesta mill-Art. 256(2) tal-Kap. 12 sabiex irendi t-taxxa eżegwibbli wara jumejn min-notifika u sussegwentement talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat eżekuttiv *de quo.*

    Huwa rrilevanti l-argument tar-rikorrenti illi t-taxxa tista' terġa' tiġi attakkata taħt l-Art. 64 tal-Kap. 12 peress illi argument bħal dak jolqot is-sustanza tat-talba tagħhom. Filfatt kien ikun irrilevanti anke li kieku t-taxxa in kwistjoni ma' kienetx taxxa maħruġa taħt l-Art. 667 iżda minflok kienet taxxa ġudizzjarja "normali" maħruġa taħt l-Art. 64 tal-Kap. 12 u li kieku l-mandat in kwistjoni inħareġ sabiex jeżegwixxi din it-taxxa li tkun ġiet reża eżegwibbli **qabel** ma' jkun għadda t-terminu ta' għoxrin ġurnata. Anke f'każ bħal dan il-Qorti xorta waħda kienet tkun tenuta tiċħad it-talba għar-revoka tal-mandat.

15. Il-Qorti tosserva li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni *prima facie* jħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tieghu, inħareġ minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali. B'hekk ma ssib ebda raġuni tajba sabiex l-istess mandat jiġi attakkat.

**Deċiżjoni**

16. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors billi tiċħad it-talba tal-kumpaniji rikorrenti għar-revoka *in toto* tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1165/21 fl-ismijiet "L-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Grech (detentur tal-karta tal-identita numru 165869M) v. Decas Limited (C66054) u Forcas and Sons Limited (C66055)" bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur